MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Numru 5/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Melchior Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 5 tas-sena 2002, kontra l-akkuzat Melchior Spiteri, li bih huwa gie akkuzat talli :

Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-uniku Kap illi minn xi numru kbir ta' xhur qabel Ottubru tas-sena elfejn u wiehed, Melchior Spiteri kien waddab lilu nnifsu f'xeba dejn ghaf-favur ta' certu Jason Azzopardi, maghruf bhala s-Sufu. Dan id-dejn kien wiehed straordinarju ghaliex is-self ta' diversi somom kbar li kien qieghed javanzalu Jason Azzopardi kien mghobbi b'rata ta' imghax aktar minn normal, teknikament maghruf bhala l-uzura. Melchior Spiteri, ghalhekk sab ruhu f'posizzjoni fejn ma setax iholl lilu nnifsu mix-xibka ta' dejn

li kien qieghed jakkumula fuq rasu. Kien qieghed isib ruhu f'sitwazzjoni ta' disperazzjoni enormi, tant li wasal Ottubru tal-imsemmija sena 2001 fejn huwa beda itella w nizzel sabiex jehles u joqtol lil Jason Azzopardi u b'hekk jillibera lilu nnifsu minn dak l-inkwiet kollu.

Kien ghalhekk li nhar it-tnejn u ghoxrin t'Ottubru tas-sena 2001, ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu, Melchior Spiteri finalment iddecieda li imur isib lil Jason Azzopardi w joqtlu. Ghal dan il-ghan, huwa pprokura arma tan-nar (pistola) ikkargat bl-iskratacc, kif ukoll speci ta' kalzetta sabiex minghalih ikun mghammed u b'hekk ma jgharfu hadd. B'danakollu, ghajnejh u halqu kienu vizibbli tant tajjeb li aktar tard, kien ftit sekondi qabel kif ukoll sekondi wara li qatel lil Jason Azzopardi, kien hemm diversi persuni, fosthom Joseph Zaffarese u Georgina Farrugia, li kienu kapaci jgharfu lil Melchior Spiteri.

Dakinhar, Melchior Spiteri intlemah l-ewwel darba ftit l-isfel mill-Kullegg De La Salle, b'Tee Shirt u Bermuda w xi affarijiet f'idejh. Mhux il-boghod minnu, Melchior Spiteri kellu jakkumpanjah lil huh iz-zghir, Giovann. Melchior Spiteri kompla jimxi lejn id-direzzjoni ta' Store Garage A, fuq Verdala, Bormla, fejn allura dak il-hin kien jinsab Jason Azzopardi fil-kumpanija ta' xi hbieb u familjari. Kif wasal fuq il-post, Melchior Spiteri, libes il-kalzetta fuq wiccu, ha l-pistola f'idejh u minn distanza ravvicinata, bil-hsieb u bl-intenzjoni li joqtlu, immira l-istess pistola lejn Jason Azzopardi w spara diversi tiri (mhux kollha fl-istess hin, izda f'intervall qasir bejn tiri u ohrajn), liema tiri kollha laqtu lil Jason Azzopardi f'partijiet diversi vitali ta' gismu, tant li huwa miet fil-pront b'gismu imtertaq bicciet imdemmija. Appena gara dan kollu, Melchior Spiteri harab jigri minn fuq il-post, izda aktar tard gie rintraccat u arrestat mill-Pulizija.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Melchior Spiteri sar hati ta' omicidju volontarju, u cioe' talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Jason Azzopardi jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalu l-mewt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Melchior Spiteri hati ta’ omicidju volontarju, u cioe’ talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil persuna ohra jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt.

U peress li b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta’ Lulju, 1993 u tas-16 ta’ Dicembru, 1993, kif ukoll b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 t’Ottubru, 1993, tal-11 ta’ Marzu, 1993, u tat-28 ta’ Marzu, 1996, Melchior Spiteri kien instab u dikjarat hati ta’ diversi delitti, l-Avukat Generali qieghed ukoll jaddebitah bir-recidiva.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat, u li huwa jigi kkundannat u jehel il-piena ta’ prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 492, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-gurati tal-5 ta’ Dicembru, 2003  li bih b’ seba’ (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat hati tal-akkuza taht l-ewwel u l-uniku kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza kif ukoll il-verdett ulterjuri tal-istess data li bih il-gurati unanimament sabu lill-akkuzat hati tal-addebitu tar-recidiva dedott kontra tieghu fl-istess l-ewwel u l-uniku kap tal-Att tal-Akkuza. .

Tiddikjara lil Melchior Spiteri hati ta’omicidju volontarju w cioe’ talli fit-22 t’Ottubru, 2001, fejn Store Garage A, Fuq Verdala, Bormla , fil-ghodu, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkaguna l-mewt ta’ Jason Azzopardi.Tiddikjara ukoll lil Melchior Spiteri bhala recidiv peress li b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Lulju, 1993, u tas-16 ta’ Dicembru, 1993, kif ukoll b’sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 t’ Ottubru, 1993, tal-11 ta’ Marzu, 1993 u tat-28 ta’ Marzu, 1996 , hu kien instab u dikjarat hati ta’ diversi delitti .

Semghet fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru, 2003, it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat Difensur Dottor Tonio Azzopardi ghall-hati w s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni maghmula mill-Assistent Avukat Generali tar-Repubblika Dottor Mark Said.

Rat il-fedina penali tal-hati;

Ikkonsidrat;

Qieset is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni li stante il-verdett ta' seba kontra tnejn li bih instabet il-htija, hemm diskrezzjoni f'idejn il-Qorti fejn, ghalkemm il-piena minima ma tridx tkun inqas minn tnax il-sena habs, il-Qorti xorta setghet timponi l-piena massima li hu habs ghall-ghomor . Li l-verdett xorta kien in suffragju tat-tezi tal-prosekuzzjoni li kien x'kien il-movent, ir-reat kien wiehed kiesah u biered u premeditat u li sar bi skop ta' vendetta . Li ghalkemm il-Prosekuzzjoni b'ebda mod ma riedet timminimiza il-pjaga tal-uzura, pero' dan ma kien inaqqas xejn mill-gravita' tar-reat . Li ma jridx jinghata messagg lil dawk li jsibu ruhom fil-morsa tal-uzura li jistghu jrabbu l-kuragg biex meta jsibu ruhom f'din is-sitwazzjoni , jiehdu l-ligi f'idejhom . Li l-appell li ghamel il-hati biex is-socjeta' u l-awtoritajiet juru fiducja fih sar meta suppost il-hati kien irriforma wara sensiela ta' opportunitajiet li dawn il-Qrati tawh u li l-hati naqas li juzufruwixxi ruhu minnhom.

Qieset is-sottomissjonijiet tad-difiza li l-verdett tal-gurija ma kienx wiehed unanimu izda biss wiehed ta' seba' voti kontra tnejn u li dan ghandu jkollu rifless fuq il-piena w li l-hati veru kien irriforma ruhu sa meta gie biex johrog mil-habs fil-2001 izda li ma kellux l-opportunita' li juri dan lis-socjeta' minhabba l-inkwiet li tefghu fih haddiehor u cioe' vittma. Li mill-2001 'l hawn kellu kondotta tajba . Li dak li qalet il-Qorti fl-indirizz taghha dwar is-sitwazzjoni pjetuza ta' Spiteri ghandha tigi riflessa fil-piena. Li fil-verdett imkien ma hemm imnizzel li r-reat sar bi skop ta' vendetta jew li r-reat sar b'mod premeditat . Lanqas ma jkun sew li biex jinghata messagg lis-socjeta' wiehed ghandu jaqbad bniedem u jaghmel kampjun minnu . Li l-Qorti kellha tqis

il-hsara li kien jaghmel il-mejjet li kien isib nies li m’ghandhomx flus biex johodhom taht il-hakma tieghu w ghalhekk il-Qorti kellha tiehu dan kollu in konsiderazzjoni.

Qieset li skond l-artikolu 492 (2) tal-Kap.9, meta l-voti tal-gurati ma jkunux unanimi minnflok il-piena tal-prigunerija ghall-ghomor , il-Qorti tista’ taghti piena ta’ prigunerija ghal zmien li ma jkunx inqas minn tnax il-sena .

Qieset ukoll pero’ mill-banda l-ohra li oltre l-htija tar-reat t’omicidju volontarju, l-hati ammetta u nstab unanimament hati tal-addebitu tar-recidiva , li skond l-artikolu 50 tal-Kap.9 , jista’ sahansitra jwassal biex jehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabilita ghad-delitt minnu kommess.

Qieset li mill-fedina penali tal-hati li llum ghandu tminja w ghoxrin (28) sena, jirrizulta li hu habat difrejh mall-ligi ghall-ewwel darba fit-12 ta’ Mejju 1990 meta kien ghadu kif appena ghalaq il-hmistax (15) il-sena u li minn dak iz-zmien ‘l hawn – apparti xi kaz pendenti - gie processat u misjub hati mill-Qrati Maltin ghal mill-inqas disgha w hamsin (59) darba, li fihom gie sentenzjat ghall-prigunerija jew detenzjoni ghal mill-inqas seba’ w tletin (37) darba, inkluzi konverzjoni ta’ multi f’piena restrittiva tal-liberta’. Dana ghall-diversi reati li jvarjaw minn sewqan bla licenzja w insurance u sewqan perikoluz, ghall-serq aggravat bi vjolenza, serq ta’ vetturi w vjolenza privata.

Inoltre hu nstab hati diversi drabi li m’obdiex l-ordni legittima tal-Pulizija, li kiser il-liberta’ kondizzjonata, li hedded, jew ingurja, jew ikkaguna offiza, jew talli kkommetta attakk u rezistenza fuq ufficjali pubblici, u cioe’ l-Pulizija w gwardjani tal-habs fdati minn servizz pubbliku sabiex ibezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom u ta’ sekwestru ta’ ufficjali pubblici, gwardjani tal-habs, kaz wiehed ta’ tentattiv ta’ ferita gravi fuq ufficjal pubbliku w addirittura nsulti w theddid ta’ Magistrati fil-kors ta’ proceduri gjudizzjarji quddiem il-Qrati tal-Magistrati (Malta). Oltre dan diversi drabi hu nstab hati ta’ harba mill-kustodja tal-Pulizija jew mill-post ta’ kustodja w detenzjoni, xi drabi anke bl-aggravanti tal-vjolenza;

L-asserzjoni ta’ l-akkuzat li huwa kien irriforma - mhux korroborata minn xhieda oggettiva ta’ persuni ndipendenti – tibqa dejjem wahda soggettiva w mhux determinabbli. Jidher li ghal xi zmien hu baqa’ ghaddej bil-hajja tieghu refrattarja anki meta kien il-habs. Umbaghad l-agir tieghu meta, appena xaharejn wara li hareg mill-habs, inkuruna l-fedina penali tieghu billi wasal biex sahansitra kkommetta forsi l-aghar reat kontemplat fil-Kodici Kriminali, bil-mod u bil-fattispecji li irrizultaw fil-kors tal-process, jirrendi din l-asserzjoni ta’ riforma mhux attendibbli. Jekk umbaghad kemm ilu l-habs taht arrest preventiv in konnessjoni ma dar-reat verament gab ruhu sew fil-habs, dan ma jintitolah ghall-ebda rikonoxximent specjali ghax l-agir korrett hu mistenni minn kull persuna li tkun detenuta l-habs.

Fil-waqt li l-Qorti taqbel mad-difiza li mhux il-kompitu taghha li taghmel kampjun minn xi hati biex taghti messaggi lis-socjeta’ , mill-banda l-ohra, l-Qorti trid bil-fors tapplika l-kastig meritat ghax-xorta ta’reat li jkun fil-kontest tal-kondotta kriminali w tar-recidiva ta’ dak il-hati individwali .

Hadet in konsiderazzjoni l-komportament oppressiv tal-vittma fuq id-debituri tieghu partikolarment fuq omm il-hati li sahansitra giet imsawwta minnu xi zmien qabel – kaz li dwaru l-vittma kellu jidher il-Qorti proprju l-ghada tad-delitt – xi theddid dirett jew velat li seta’ rceva l-hati kif ukoll xi swat li seta’ sofra l-hati granet qabel id-delitt da parti tal-vittma w l-kuntest tal-uzura li fih gie kommess l-omicidju , pero’, ghalkemm tifhem li dan seta’ kien il-movent li seta’ wassal lill-hati ghall-kommissjoni tad-delitt, dan qatt ma kien jati lil hadd id-dritt li jiehu l-ligi b’idejh kif ghamel il-hati .

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-mod kif gie ezegwit id-delitt u fuq kollox il-fatt li l-verdett tal-gurati ma kienx wiehed unanimu , il-gravita’ tad-delitt, ir-recidiva w l-kondotta mill-aktar refrattarja tal-hati ;

Rat l-Artikoli 211(1)(2), 492(2) , 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-hati Melchior Spiteri ghal piena ta’ tletin (30) sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnesjoni BISS ma’ dan il-kaz , tordna lill-hati li jhallas l-ispejjes kollha tal-perizji f’din il-kawza ammontanti ghal tlett elef, erba mija w dsatax il-lira Maltin u hdax il-centezmu (LM 3419.11) fi zmien gimghatejn mill-lum u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti esebiti li servew biex sar id-delitt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------